

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Settembru 2020 – ZL vs EUIPO

(Kawża T-596/18) ⁽¹⁾

(“Servizz pubbliku – Reklutaġġ – Avviż ta’ kompetizzjoni – Deċiżjoni li isem ir-rikorrenti ma jiġix inkluż fil-lista ta’ riżerva tal-kompetizzjoni – Obbligu ta’ motivazzjoni – Ċaħda tat-talba għal aċċess għall-mistoqsijiet b’għażla multipla magħmula fit-testijiet ta’ dħul – Sigriet tax-xogħlijiet tal-Bord tal-Għażla”)

(2020/C 390/40)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: ZL (rappreżentant: H. Tettenborn, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Lukošiūtē u K. Tóth, aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur, avukat)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament, l-ewwel nett, tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni EUIPO/AD/01/17 – Amministraturi (AD 6) fil-qasam tal-proprietà intellettwali tas-7 ta' Marzu 2018 li tiċċad it-talba tar-rikorrenti dwar ir-revijoni tad-deċiżjoni ta' dan l-istess bord tal-ġhażla tal-1 ta' Diċembru 2017 li isimha ma jiġix inkluż fil-lista ta’ riżerva stabilita bil-għan tar-reklutaġġ ta’ amministraturi mill-EUIPO u, it-tieni nett, tad-deċiżjoni tal-EUIPO tas-27 ta' Ġunju 2018 li tiċċad l-ilmenti tagħha.

Dispōzittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) ZL hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 445, 10.12.2018.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Settembru 2020 – Pshonka vs Il-Kunsill

(Kawża T-291/19) ⁽¹⁾

(“Politika estera u ta’ sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħudin fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina – Iffriżar ta’ fondi – Lista ta’ persuni, entitajiet u korpi li għalihom japplika l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi – Żamma tal-isem tar-rikorrent fil-lista – Obbligu tal-Kunsill li jivverifika li d-deċiżjoni ta’ awtorità ta’ Stat terz ittieħdet fir-rispett tad-drittijiet tad-difiżza u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva”)

(2020/C 390/41)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

Partijiet

Rikorrenti: Viktor Pavlovych Pshonka (Kiev, l-Ukraina) (rappreżentant: M. Mleziva, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Pekař u V. Piessevaux, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/354 tal-4 ta' Marzu 2019 li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2019, L 64, p. 7 u fir-rettifikasi ĠU 2019, L 86, p. 118) u tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/352 tal-4 ta' Marzu 2019 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2019, L 64, p. 1 u fir-rettifikasi ĠU 2019, L 86, p. 118), sa fejn dawn l-atti iżommu l-isem tar-rikorrent fil-lista ta’ persuni, entitajiet u korpi li għalihom japplikaw dawn il-miżuri restrittivi.

Dispożittiv

- 1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/354 tal-4 ta' Marzu 2019 li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna, u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/352 tal-4 ta' Marzu 2019 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna, huma annullati sa fejn l-isem ta' Viktor Pavlovych Pshonka nżamm fil-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li għalihom japplikaw dawn il-miżuri restrittivi.
- 2) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 246, 22.7.2019.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Settembru 2020 – Pshonka vs Il-Kunsill

(Kawża T-292/19) (¹)

("Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħudin fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina – Iffriżar ta' fondi – Lista ta' persuni, entitajiet u korpi li għalihom japplika l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi – Żamma tal-isem tar-rikorrent fil-lista – Obbligu tal-Kunsill li jivverifika li d-deċiżjoni ta' awtorità ta' Stat terz ittieħdet fir-rispett tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva")

(2020/C 390/42)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

Partijiet

Rikorrent: Artem Viktorovych Pshonka (Kramatorsk, l-Ukraina) (rappreżentant: M. Mleziva, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Pekař u V. Piessevaux, aġenti)

Sugġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/354 tal-4 ta' Marzu 2019 li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU 2019, L 64, p. 7 u fir-rettifikasi ĠU 2019, L 86, p. 118) u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/352 tal-4 ta' Marzu 2019 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU 2019, L 64, p. 1 u fir-rettifikasi ĠU 2019, L 86, p. 118), sa fejn dawn l-atti iżommu l-isem tar-rikorrent fil-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li għalihom japplikaw dawn il-miżuri restrittivi.

Dispożittiv

- 1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/354 tal-4 ta' Marzu 2019 li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna, u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/352 tal-4 ta' Marzu 2019 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna, huma annullati sa fejn l-isem ta' Artem Viktorovych Pshonka nżamm fil-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li għalihom japplikaw dawn il-miżuri restrittivi.
- 2) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 246, 22.7.2019.